# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 17 ta' Lulju, 2019**

**Rikors Numru 791/19 TA**

**Fl-atti tal-Kontromandat numru 791/19 wara l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 265/05 maħrug fl-14 ta' Frar, 2005 fl-ismijiet:-**

**Olive Gardens Investments Limited (C-16715)**

**vs**

**Charles Sant Fournier (ID 265083M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors għall-ħrug ta' kontro mandat ta' James Sant Fournier, u l-werrieta ta' Charles Sant Fournier, Maria Anna Sant Fournier u Vera Sant Fournier tal-14 ta' Gunju 2019;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Ġunju 2019;

Rat in-nota tar-rikorrenti tas-26 ta' Ġunju 2019 in ottemperanza mad-digriet tal-21 ta' Ġunju 2019;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Olive Gardens Investments Limited tad-9 ta' Lulju 2019;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2019.

**Konsiderazzjonijiet**

Wara li ngħatat is-Sentenza parzjali li għaddiet in ġudikat bis-saħħa ta' Deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju 2019, ir-Rikorrenti qegħdin jippretendu li jinħareg kontro-mandat għaliex ma għadx hemm lok li jinżamm fis-seħħ u dan skont l-artikoli tal-liġi minnhom ċitati fin-nota tagħhom tas-26 ta' Ġunju, 2019. Minn naħa l-oħra, is-Soċjeta' intimata trid li l-mandat ta' inibizzjoni odjern jibqa' fis-seħħ fid-dawl tat-talbiet rimanenti tad-danni fil-kawża proprja. Kif fehmet din il-Qorti, is-Soċjeta' intimata tikkontendi, li f'dawn id-danni hemm kompriża r-rifużjoni flimkien mal-imgħaxijiet tad-depositu imħallas lir-rikorrenti jew lill-awturi tagħhom.

Minn naħa tagħhom ir-Rikorrenti jsostnu, li bis-Sentenza parzjali fuq imsemmija ma hemmx lok li dan il-mandat jibqa' fis-seħħ anke fir-rigward tat-talbiet rimanenti. Kuntrarjament għal dak li qed tippretendi s-Soċjeta' intimata, ir-rikorrenti jsostnu li l-kwistjoni tar-rifużjoni tad-depositu lis-Soċjeta' intimata ma tagħmilx parti mill-mertu tal-Kawża bejn il-partijiet. Għalhekk it-talbiet tagħhom għandhom jiġu milqugħa.

F'dan l-istadju, din il-Qorti mhux ser tidħol ta' x'inhu l-import tat-talbiet rimanenti rigward il-kwistjoni ġaladarba din il-Qorti għad trid tiddeċiedi definittivament dwar l-istess. Iżda, sa fejn jirrigwarda dawn il-proċeduri, huwa minnu li s-Sentenza parzjali ġabet magħha kambjament sostanzjali fil-valuri li oriġinarjament kienet qegħdha tippretendi li tikkawtela s-Soċjeta' intimata. Mir-risposta tagħha stess, jidher li l-pretensjonijjet tagħha issa ġew limitati għar-rifużjoni tad-depositu minnha mħallas flimkien mal-imgħaxijiet li setgħu ddekorrew. Rifużjoni, li kif intqal aktar 'l fuq, qed tkun kontestata mir-Rikorrenti fis-sens li ma hiex parti mill-mertu tal-Kawża.

Ma għandux ikun hemm dubbju, li meta s-Soċjeta' intimata ottjeniet il-ħhrug tal-mandat dan ghamlitu biex prinċipalment tikkawtela valuri ħafna akbar. Bis-Sentenza parzjali fuq imsemmija dan l-aspett ta' valuri inbidel mhux ftit. Għalhekk din il-Qorti temmen, li b'konsegwenza tas-Sentenza parzjali fuq imsemmija u fil-kuntest taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ma huwiex raġjonevoli li l-mandat inkwistjoni jinżamm fis-seħħ.

**Provvediment**

Għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti qegħdha **tilqa' it-talbiet** ta' James Sant Fournier, u l-werrieta ta' Charles Sant Fournier, Maria Anna Sant Fournier u Vera Sant Fournier abbazi tal-artikolu 836(f) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta peress li fiċ-ċirkostanzi ma hux raġjonevoli li mandat ta'

inibizzjoni inkwistjoni jinżamm fis-seħħ **u tordna** għalhekk il-ħrug tal-kontro-mandat opportun.

Spejjes għas-Soċjeta' intimata.

**Moghti kameralment illum 17 ta' Lulju, 2019.**

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**